MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 483/2002/2

**L-Avukat Antoine Naudi fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju specjali tad-ditta esetera Elaflex Italia S.r.L.**

**vs**

**John Abela Limited, u**
**b'digriet tad-29 t'April tas-sena 2005, gew kjamati in kawza**
**Petroleum Services p.l.c., B.O.V. p.l.c. u Maltapost p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Awissu, tas-sena 2002, li permezz t ieghu l-attur nomine sejjah lis-socjeta` konvenuta John Abela Limited sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` attrici estera s-somma ta' tlett elef disa' mija wiehed u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM3,981.52,0), ekwivalenti ghas-somma ta' disat elef tlett mija u wiehed u tmenin Ewro u disgha u disghin centezmu (€9,381.99) (formalment sal-31 ta' Dicembru 2001 denominata fil-munita Mark Germaniz 18,349.57) rapprezentanti danni li soffriet is-socjeta` estera attrici unikament minhabba n-negligenza, in-nuqqas ta' diligenza u ta' esekuzzjoni ta' inkarigu li kien gie moghti lilhom mis-socjeta` estera attrici u liema nkarigu kien gie accettat minghandhom;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-29 ta' April tas-sena 2002, (Dok AN1), dawk ta' l-itta ufficjali datata 7 ta' Mejju tas-sena 2002, (Dok AN2), dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta John Abela Limited datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika mal-attur imma l-inkarigu kien ta' Petroleum Services p.l.c. ta' 250, Mdina Road, Qormi;

2. Illi l-esponenti qatt ma accetta xi nkarigu minghand l-attur;

3. Illi dan il-garr sar skond il-kondizzjonijiet tal-CMR peress li ngarr bit-triq u d-danni, jekk jirrizultaw, huma limitati skond il-piz tal-konsenja;

4. Illi l-persuni responsabbli ghan-nuqqas ta' diligenza u ta' esekuzzjoni huma l-Petroleum Services p.l.c. kif ukoll il-Bank of Valletta p.l.c. u l-Malta Post p.l.c. li l-esponenti bir-rispett jitlob li ghandhom jigu kjamati in kawza u jirrispondu ghall-azzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu ordnat lill-partijiet jitrattaw r-raba' talba tas-socjeta` konvenuta fuq dedotta;

Tirrileva li l-istess rapprezentant legali li ntavola l-istess talba ma deherx biex jitratta t-talba tieghu stess;

Tirrileva wkoll li pprezenta rikors biex ikun debitament awtorizzat jassenti ruhu mir-responsabbiltajiet tieghu lejn il-klijent u lejn il-qorti;

Tosserva li dan ir-rikors kien jirrazenta d-disprezz peress li kien wiehed tardiv u effettivament gie michud;

Tirrileva li ghalhekk kienet kostretta tippronunzja sentenza preliminary fid-9 t'April tas-sena 2003, fejn nonostante li din kienet istigata mill-imsemmi rapprezentant legali, dan naqas li jipprezenta ruhu ghall-udjenza hekk riservata fuq talba tieghu stess minghajr ma ressaq l-ebda raguni valida fil-ligi ghal tali assenza;

Rat it-talba tas-socjeta` konvenuta datata id-9 t'April tas-sena 2003, biex tkun awtorizzata tappella minn din id-decizjoni;

Rat id-digriet taghha ta' l-10 t'April tas-sena 2003, fejn ordnat id-debita notifika u s-smiegh ta' l-istess;

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine datata d-29 t'April tas-sena 2003;

Rat id-digriet taghha fir-rigward datat is-6 ta' Mejju, tas-sena 2003, fejn wara li semghet lir-rapprezentanti legali tal partijiet laqghet it-talba;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell datata d-9 ta' Frar tas-sena 2005, fejn wara li ghazlet li tkun indulgenti, hassret is-sentenza appellata tad-9 t'April tas-sena 2003, irrimettiet il-process lura lil din il-qorti ghat-trattazzjoni tar-raba' eccezzjoni u ghall-prosegwiment tal-kawza;

Rat id-digriet taghha datat id-29 t'April, tas-sena 2005, fejn wara li semghet lill-attur nomine u lil Carmel Abela ghas-socjeta` konvenuta, (bir-rapprezentant ta' l-istess socjeta`, nonostante li dahhal lill-partijiet kollha nvoluti f'hela ta' zmien inuman, jerga' b'ardir kbir ikun assenti), ordnat li hemm ragunijiet bizzejjed biex jigu kjamati in kawza s-socjeta` "Petroleum Services Limited"; BOV p.l.c. u Maltapost p.l.c., u b'hekk ordnat in-notifika ta' l-avviz promotur lill-istess socjetajiet involuti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza Bank of Valletta p.l.c. datata l-24 ta' Mejju tas-sena 2005, fejn ecceppiet is-segwenti:

1. Illi, l-bank eccipjent m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ma nghata l-ebda nkarigu mill-istess kif imsemmi fl-avviz u ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-inkarigu msemmi fic-citazzjoni nghata lill-konvenut u l-eccipjenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut, u ghalhekk

ukoll hija ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi, subordinatement u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti ma' kkawzat ebda danni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza Maltapost p.l.c. datata t-13 ta' Lulju tas-sena 2005, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ma nghatat l-ebda nkarigu mill-istess kif imsemmi fl-avviz u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lis-socjeta` attrici estera;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Frar tas-sena 2006, u r-rikors tas-socjeta` kjamata in kawza Petroleum Services Limited p.l.c. tas-17 ta' Frar tas-sena 2006, fejn wara li wkoll semghet lir-rapprezentanti legali tal-partiiet hemm indikati, awtorizzat lis-socjeta` kjamata in kawza tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat finalment, in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza Petroleum Services p.l.c. datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2006, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` eccipjenti ma nghatat ebda inkarigua mis-socjeta` attrici kif imsemmi fl-avviz u ghandha tigi ghalhekk liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-inkarigu msemmi fic-citazzjoni nghata lis-socjeta` konvenuta John Abela Limited u ghalhekk hija l-imsemmija socjeta` konvenuta John Abela Limited li hija responsabbli;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lis-socjeta` attrici u ghaldaqstant it-talbiet attrici kontra l-eccipjenti huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti u affidavitijiet prodotti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu kkoncediet li t-trattazzjoni ssir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet skond il-kalendarju prefissat u ndikat fl-istess digriet, (ara fol 216);

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-attur nomine, il-vertenza in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fis-27 t'Awissu tas-sena 2001, is-socjeta` estera Elaflex Italia S.r.L. talbet lis-socjeta` konvenuta John Abela Limited sabiex din tkun mandatarju ghaliha biex tizgura li merkanzija li hi kienet ser tesporta bil-vapur ghall-Malta lis-socjeta` Petroleum Services Limited kienu ser jigu esportati bl-ahjar mod possibbli;

2. Illi d-dettalji bankarji ghall-pagament dovut kienu regolarment mghoddija u jirrizulta li l-

merkanzija kellha biss tigi rilaxxata meta jsir il-pagament;

3. Illi l-ammont involut kien ta’ tmintax-il elf, tlett mija u disgha u erbghin Deutschemark Germaniz u seba` u hamsin centezmu , (DEM 18,349.57,0);

4. Illi s-socjeta’ konvenuta John Abela Limited accettat dan l-inkarigu;

5. Illi effettivament il-merkanzija involuta intbaghtet mis-socjeta` estera tramite s-socjeta` konvenuta John Abela Limited u giet konsenjata lis-socjeta` Petroleum Services Limited – pero` l-pagament effettiv jirrizulta li ma sarx;

6. Illi minn investigazzjonijiet istitwiti jirrizulta li pagament bankarju sar u kien anke gie msarraf minn certa Antonella Gagliardi tas-socjeta` Flaflex Italia S.r.L. – liema persuna u socjeta` huma kompletament skonoxxuti mill-partijiet involuti fil-vertenza odjerna;

7. Illi konsegwentement jirrizulta lis-socjeta` estera baghtet il-merkanzija rikjesta minghajr ma giet imhallsa, u ghalhekk kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi skond is-socjeta` kjamata in kawza Petroleum Services Limited jirrizulta s-segwenti:

1. Illi din is-socjeta` effettivament ordnat il-merkanzija in dizamina mis-socjeta` estera rapprezentata mill-attur nomine;

2. Illi effettivament jirrizulta li hadet il-konsenja tal-merkanzija in dizamina u effettwat il-pagament minnha rikjest lis-socjeta` estera permezz ta’ “cheque” indirizzat lill-istess socjeta` estera;

Ikkunsidrat:

Illi skond il-Bank kjamat in kawza jirrizulta s-segwenti:

1. Illi mid-dokumenti f'idejn l-istess bank jirrizulta li s-socjeta` Petroleum Services Limited effettivament harget il-pagament dovut lis-socjeta` estera involuta;

2. Illi dan il-pagament sar permezz ta' "cheque" mahrug mill-kont li s-socjeta` lokali ghandha f'Hal-Qormi;

Ikkunsidrat:

Illi skond is-socjeta` Maltapost p.l.c. jirrizulta s-segwenti:

1. Illi skond ir-rapprezentat taghha jirrizulta li mir-ricerka li ghamel ma sab assolutament xejn, (ara fol 142);

2. Illi pero' minn ittra ta' l-istess socjeta` datata s-27 ta' Novembru tas-sena 2001 jirrizulta li din is-socjeta` effettivament kellha fil-pussess taghha c-"cheque" in dizamina kienet taf li kienet istruwita mis-socjeta` kjamata in kawza Petroleum Services Limited biex dan tittrasmettieh lis-socjeta` estera Elaflex Italia S.r.L.;

3. Illi dan ic-"cheque" effettivament jirrizulta identifikat bhala "registered postal article number 5939", (ara fol 157 et sequitur);

4. Illi l-persuna responsabbli ghas-socjeta` kjamata in kawza Maltapost p.l.c. jikkonferma wkoll li c-"cheque" de quo twassal fid-destinazzjoni rikjesta fit-3 t'Ottubru tas-sena 2001, (ara fol 161 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta s-segwenti mill-analizi suespost:

1. Illi s-socjeta` esterea rapprezentata lokalment mill-attur nomine ikkonsenjat il-merkanzija lis-socjeta` Petroleum Services Limited skond kif ordnata;

2. Illi s-socjeta` konvenuta John Abela Limited wasslet din il-merkanzija fid-destinazzjoni rikjesta u ma kien hemm l-ebda ilment fir-rigward – hlief dak naxxenti mit-talba attrici;

3. Illi s-socjeta` Petroleum Services Limited hallset l-ammont minnha dovut appena hadet il-konsenja tal-merkanzija lilha mibghuta;

4. Illi d-dokumentazzjoni bankarja tirrizulta li kienet tajba u effettiva stante li c-“cheque” de quo issarraf minn terzi estranei;

5. Illi s-socjeta` kjamata in kawza Maltapost p.l.c. tidher li effettwat konsenja difettuza u ghandha legittimament issofri l-konsegwenzi ghaliex bl-agir taghha ikkagunat danni konsiderevoli lill-partijiet l-ohra kollha involuti f’din il-procedura;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta John Abela Limited u tas-socjetajiet kjamati in kawza Petroleum Services Limited u B.O.V. p.l.c., tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi pero’ fir-rigard tas-socjeta` kjamata in kawza Maltapost p.l.c., filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet minnha sollevati, takkolji in toto t-talbiet ta’ l-attur nomine u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` kjamata in kawza Maltapost p.l.c. biex  thallas lill-attur nomine l-Avukat Antoine Naudi bhala mandatarju specjali

tad-ditta estera Elaflex Italia S.r.L. l-ammont ta’ disat elef, tlett mija u wiehed u tmenin Ewro u disgha u disghin centezmu (€9,381.99);

2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess socjeta` kjamata in kawza, bl-eccezzjoni ta’ dawk relattivi ghall-appell fuq riferit gia` deciza minn dik il-qorti.”

Is-socjeta` msejha fil-kawza Maltapost p.l.c. appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li jsegwu:-

1. Sew mill-kontenut tat-talba kif ukoll minn dak iddikjarat mill-attur innifsu qatt ma kien jezisti rapport guridiku bejnha u s-socjeta` estera;

2. L-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti u ddecediet hazin fejn osservat illi hi ghamlet konsenja difettuza ghax dan ma jirrizultax mill-provi;

3. Lanqas ma ngiebet prova illi hi kkagunat danni lis-socjeta` attrici u jonqos ukoll ghal kollox in-ness kawzali;

4. F’kull kaz ankorke jinghad li kien hemm negligenza da parti taghha kellu dejjem jigi applikat il-limitu tad-danni prevvist mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Servizz Postali;

In bazi ghal dawn l-aggravji s-socjeta` appellanti talbet ir-revoka sew tad-digriet tad-29 ta’ April, 2005 li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza kif ukoll ir-revoka tas-sentenza fil-mertu u dak tad-digriet konsegwenzjali tal-15 ta’ Ottubru, 2008 li bih giet ordnata l-korrezzjoni ta’ l-istess sentenza bl-imposizzjoni ta’ l-imghaxijiet;

L-attur *nomine* wiegeb illi l-aggravji sottomessi huma gustifikati u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tilqa’ r-revoki mitluba. Fl-istess waqt huwa appella

incidentalment ghal konferma ta’ l-assunt tieghu illi d-decizjoni li kellha tasal ghaliha l-ewwel Qorti kellha tkun wahda ta’ kundanna *di fronte* ghas-socjeta` konvenuta anke ghaliex kien ma’ din li kien jezisti r-rapport mandanti-mandatarju u l-provi kienu juru li din ma ottemperatx ruhha ma’ l-istruzzjonijiet lilha moghtija;

Il-Qorti behsiebha tinvesti l-appell principali u dak incidentali interposti billi taffrontahom flimkien fuq iz-zewg binarji lilha sottoposti, u cjoe mill-punto di vista tat-talba ghar-revoka tad-digriet tad-29 ta’ April, 2005 u dik tat-talba ghar-revoka tas-sentenza fil-mertu u tad-digriet l-iehor konsegwenzjali ghal dan;

<u>ID-DIGRIET TAD-29 TA’ APRIL 2005</u>

Permezz tar-raba’ eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta sostniet illi s-soggetti responsabbli *di fronte* ghat-talba attrici kienu s-socjetajiet Petroleum Services Ltd, il-Bank of Valletta plc u l-Maltapost plc u ghalhekk talbet li dawn jissejhu fil-kawza. Bid-digriet taghha tad-29 ta’ April, 2005 l-ewwel Qorti akkoljiet din it-talba u ordnat il-kjamata in kawza ta’ l-imsemmija socjetajiet. Issa s-socjeta` appellanti qed titlob ir-revoka ta’ dan id-digriet ghaliex issostni illi hi qatt ma kellha relazzjoni guridika ma’ l-attur *nomine*;

Hu principju sew affermat illi meta jigi *prima facie* demostrat l-interess allura, a differenza ta’ dak li jigri fil-kaz ta’ rigett mill-ewwel Qorti tat-talba ghall-kjamata in kawza, id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti favur dik il-kjamata ma tigix bhala regola disturbata in sekond’istanza. Ara “**Joseph Vella Bonnici *nomine* -vs- Anthony Grixti**”, Appell Civili, 6 ta’ April, 1970. Jinghad bi precizjoni illi “*dimostrato prima facie il possibile interesse di una persona, è dovere della Corte di chiamare in causa tale persona, per la economia dei giudizi stessi, e, pertanto, mentre la Corte di Appello potrebbe dissentire dalla Corte di prim’istanza nel caso di*

*rigetto di domanda per chiamata in causa, non potrebbe, come regola, ingerirsi nei provvedimenti che, secondo la propria discrezione, la Corte di prim'istanza avesse preso perche il proprio giudicato potesse essere dato in contestazione di tutti gli interessati; e che, pertanto, potesse sentire pieno effetto*" ("**Avvocato Filippo Nicolo Buttigieg *nomine et* -vs- Sacerdote Giuseppe Attard *et***", Appell Civili, 22 ta' Mejju, 1916);

Premess dan, wisq ragonevolment gie mill-istess Qorti ta' l-Appell osservat dan li gej:-

"Filwaqt li hu minnu illi qabel tiddegreta talba ghall-kjamati in kawza, il-Qorti kellha, mill-fatti quddiemha, tapprezza jekk din it-talba kienetx jew le gustifikata u li dan l-apprezzament jinvolvi decizjoni li *prima facie* l-persuni li taghhom tintalab is-sejha, ikunu interessati fil-mertu u allura setghu jkunu legittimi kontradditturi ta' l-attur, dan ma jfisserx li, una volta kjamati, dawn il-persuni ma kellhomx kull dritt illi jeccepixxu n-nuqqas ta' interess guridiku f'azzjoni kif proposta, in kwantu tinteressa lilhom, jew li huma ma setghux kienu il-legittimi kontradditturi tieghu f'dik l-azzjoni. Il-kjamati in kawza setghu jaghtu kull eccezzjoni accessibbli lil kull konvenut iehor u, una volta dawn l-eccezzjonijiet jinghataw, il-Qorti kellha tiehu konjizzjoni taghhom u tikkunsidrahom fid-dawl tal-provi u sottomissjonijiet lilha maghmula anke mill-kjamati in kawza, indipendentement mill-motivazzjoni li biha tkun laqghet it-talba ghall-kjamata in kawza taghhom" ("**Onor. Eddie Fenech Adami -vs- Dr. George Abela**", 6 ta' Ottubru, 1999);

Jinzel minn dawn il-konsiderazzjonijiet gurisprudenzjali illi din il-Qorti ta' revizjoni ma tistax tordna r-revoka tad-digriet li bih intlaqghet it-talba ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` appellanti, ukoll ghaliex f'kull kaz id-difiza taghha ta' assenza ta' relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici giet opportunement ezaminata mill-ewwel Qorti fil-mertu. Jekk il-gudizzju fuq daqshekk huwiex difettuz o meno dan jiddependi ghal kollox mill-investigazzjoni ta' l-aggravju

tas-socjeta` appellanti u dawk l-ohra ta' l-attur *nomine* di fronte ghal dak l-istess gudizzju.

IS-SENTENZA TAS-7 TA' OTTUBRU 2008

Jibda biex jigi kkummentat in linea preliminari illi biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur, l-ezercizzju fuq daqshekk jinnecessita accertament fuq il-bazi tal-*petitum*, ossija r-rizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikulari, il-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju;

Maghdud dan, fil-kaz attwali l-interess konsegwit mill-attur *nomine* bid-domanda koncepita minnu hu dak li jigi kkonfermat u deciz illi s-socjeta` konvenuta kienet inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu lilha affidat. Mill-elementi probatorji akkwiziti fil-process jirrizulta illi s-socjeta` estera rapprezentata fil-proceduri mill-attur inkarigat lis-socjeta` konvenuta bhala mandatarja taghha ghall-garr u konsenja ta' merkanzija destinata lis-socjeta` imsejha fil-kawza Petroleum Services plc u, ukoll, bl-istruzzjoni specifika illi l-merkanzija kellha tigi rilaxxjata "*cash against documents*". Ara l-Affidavit ta' Wolfram Fischer (fol. 62), ix-xhieda ta' dan a fol. 79, u l-Affidavit ta' Raffaela Berardi (fol. 70). Addizzjonalment, jezistu wkoll fl-atti l-provi dokumentali rapprezentati mill-fax tas-27 ta' Awissu, 2001 (fol. 83) u l-fatturi (fol. 84 sa fol. 88) li lkoll jaghtu xhieda ta' l-inkarigu u tal-modalita` tal-hlas ghall-merkanzija supplita. Huwa inutili li s-socjeta` konvenuta anke f'din is-sede tissokta tinsisti illi ma kellhiex mandat bhal dan ghaliex il-kwadru reali li johrog mid-deposizzjoni ta' Carmel Abela (fol. 119) ghas-socjeta` konvenuta hu xort'ohra. Huwa jaccetta li kienet is-socjeta` tieghu li hadet hsieb il-garr tal-merce. Jaccetta wkoll illi fuq id-dokumenti li ghadda lil Bank of Valletta kien hemm indikat ukoll illi l-pagament kellu jsir permezz ta' transfer u mhux b'Bank Draft (fol. 91) kif fil-fatt sar u li ntbaghat bil-posta registrata. Agguntivament, jirrizulta mill-fax tal-25 ta' Frar, 2002 (fol. 126) mibghuta mill-istess socjeta` konvenuta lis-

socjeta` estera illi hi ghaddiet f'idejn is-socjeta` Petroleum Services plc il-merkanzija ghaliex, skond ma jinghad, "*we were given proof of payment. Copy of bank draft addressed to yourself*";

Linearjament mas-sottomissjonijiet ta' l-attur *nomine* fl-appell incidentali tieghu din il-Qorti hi tal-fehma illi in bazi ghall-valutazzjoni tal-provi prodotti twieldet relazzjoni guridika bejn is-socjeta` estera u s-socjeta` konvenuta u li din ir-relazzjoni kienet inerenti ghall-karatteristika tal-mandat kif tnizel mid-definizzjoni ta' l-Artikolu 1856 (1) tal-Kodici Civili. Jigifieri, kuntratt bilaterali li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta assumiet l-obbligu li tezegwixxi atti guridici fl-interess tas-socjeta` estera mandanti taghha. Meta dan huwa hekk, kien doveruz fuq is-socjeta` konvenuta li din tassikura li fit-twettiq tal-mandat lilha konferit, u minnha accettat, ciononostante li ssostni l-kuntrarju, hi tadempixxi fedelment il-kontenut ta' dak l-inkarigu, fil-komplettezza tieghu. Dan anke ghaliex hi disposizzjoni esplicita tal-ligi taht l-istitut tal-"Mandat" illi l-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat (Artikolu 1864, Kodici Civili). Bla dubju, in tema legali, dan l-artikolu jikkostitwixxi ri-affermazzjoni tal-principju generali taht l-Obbligazzjonijiet in bazi ghal liema d-debitur ghandu jezegwixxi l-prestazzjoni dovuta skond id-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1132, Kapitolu 16). Presumibilment, b'mod ezatt u fidili ma' l-inkarigu moghti. Li jfisser, illi l-mandatarju ma jistax jippersegwi skop li jkun divers jew inkompatibbli ma' dak lilu prefiss fil-mandat, jew ukoll li ma jikkonformax ruhu ghall-volonta` espressa tal-mandanti tieghu; fil-kaz prezenti, ir-rilaxx tal-merkanzija kontra Bank Transfer u mhux bil-mod tal-Bank Draft sempliciment impostata;

Ikollu jinghad illi l-ewwel Qorti zbaljat meta ma zammetx ruhha fl-argini tal-hsieb appena zvolt u anzi harget minnu biex invece ssib lis-socjeta` appellanti responsabbli ghad-danni meta minn imkien mill-provi ma gie fattwalment determinat illi din kienet fi htija ghar-rimessa errata ta' posta registrata kontenenti l-Bank Draft li l-kontenut tal-

busta lanqas biss kien hekk maghruf minnha. Sew id-dottrina kif ukoll il-gurisprudenza jirritjenu illi in mankanza taht il-Kodici Civili ta disposizzjoni li tiddixxiplina espressament in-ness kawzali, ghandu japplika l-principju illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'istante*" ("**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928). Kif gja rilevat, fil-kaz odjern din il-prova ma saretx u l-ewwel Qorti ma kellhiex dritt allura tassumiha fl-astratt;

Jinzel b'konsegwenza minn dan kollu li nghad s'issa illi d-domanda relattiva, hekk impernjata fuq il-premessa li s-socjeta` konvenuta ma ezawrietx it-termini ezatti tal-mandat li hi kienet irceviet minghand is-socjeta` estera, kellha tintlaqa' fil-konfront ta' l-istess socjeta` konvenuta, ghaliex kienet din li ezegwit att totalment differenti minn dak affidat lilha skond l-inkarigu, u mhux ukoll is-socjeta` appellanti li ghaliha dak l-inkarigu u dak l-att kien *res inter alios*;

Ir-rizultat ta' dawn il-konsiderazzjonijiet igib illi kif prevvist mill-Artikolu 1874 kombinat ma' l-Artikolu 1873 Kodici Civili u dak tad-dispost generali fl-Artikolu 1125 ta' l-istess Kodici s-socjeta` konvenuta, hekk dikjarata responsabbli, ghandha taghmel tajjeb ghad-danni. "*Secondo la legge il danno che dev'essere risarcito consiste nella perdita reale che il fatto abbia direttamente cagionato al danneggiato e nelle spese che questi ha dovuto fare*". Ara "**Ernesto Gulia *nomine* -vs- Banchiere Paolo Ellul**", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Jannar, 1911. Ara wkoll Artikolu 1135 tal-Kodici Civili;

Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tezamina l-ilment dwar il-limitazzjoni tad-danni sottomess mis-socjeta` appellanti u lanqas ukoll l-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` kjamata fil-kawza Petroleum Services plc.

Ghal motivi kollha dedotti din il-Qorti tilqa' l-appell principali tas-socjeta` appellanti u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront taghha. Il-Qorti qed tilqa' wkoll l-appell incidentali ta' l-attur *nomine*, u tiddikjara unikament responsabbli ghad-danni reklamati lis-socjeta` konvenuta. Konsegwentement, tikkundanna lil din l-istess socjeta` ghal hlas tas-somma mitluba fl-Avviz flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi mid-data ta' l-ittra ufficcjali (7 ta' Mejju, 2002). Tordna finalment illi l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jitbatew mill-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------